**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 23 ta' Gunju 2021**

Rikors Numru: 85/21 AL

AB

vs

CD

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi l-partijiet iżżewġu nhar l-għoxrin (20) t' Ottubru tas-sena elf disa' mija u ħamsa u tmenin (1985) (dok EM 1 anness).

2. Illi minn dan iż-żwieġ, twieldet tifla waħda, u ċioe XX, nhar it-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u tmienja u tmenin (1988), u għalhekk llum hija maġġorenni. (Dok. EM 2 Anness).

3. Illi l-partijiet ilhom legalment separati sa' mit-tnejn (2) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sittax (2016) u bis-saħħa ta' Att pubbliku, ppublikat minn Nutar Dottor Jean Carl Debono fl-istess jum (Dok EM 3 anness).

4. Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet li, llum il-ġurnata qegħdin jgħixu ħajja totalment separati minn xulxin.

5. Illi ma hemm ebda pendenzi ta' manteniment, anzi rrinunzjaw għad-dritt tagħhom li jitolbu u jirċievu manteniment stante li t-tnejn li huma jaħdmu, liema rinunzja tibqa' valida anke jekk jinbidlu ċ-ċirkostanzi tal-partijiet, inkluż ċirkostanzi ta' saħħa u finanzi.

6. Illi r-rekwiżiti għall-pronunzjament tad-divorzju kif elenkati fl-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għalhekk huma sodisfatti, peress li jeżistu raġunijiet biżżejjed ai termini tal-liġi, sabiex iż-żwiep odjern jiġi maħlul.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ ossia d-divorzju, ikkontrattat bejn il-partijiet nhar l-għoxrin (20) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u ħamsa u tmenin (1985) u li l-partijiet huma divorzjati għal finijiet u l-effetti kollha tal-liġi: u;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, fi żmien hemm akkordat minnha biex dan ikun reġistrat fir-Reġistru Pubbliku skont il-liġi.

U dan taħt kwalunkwe provvediment ieħor li din il-Qorti jogħġobha tagħti.

Rat ir-risposta tal-intimata a fol 20 li permezz tagħha esponiet:

1. Illi l-esponenti giet nnotifikata bl-atti tar-rikors fl-ismijiet premessi;

2. Illi l-esponenti tirrileva li ma ghandha l-ebda oggezzjoni ghal dina t-talba;

3. Illi l-kundizzjonijiet tal-kuntratt tas-separazzjoni ma jistghux jigu varjati hekk kif jidher mill-att ippublikat fl-atti tan-Nutar Dr. Jean Carl

Debono data tnejn (2) ta' Gunju elfejn u sittax (2016) liema kuntratt gie pprezentat mar-rikors promutur;

4. Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

5. Illi l-esponenti titlob lil dina Onorabbli Qorti illi hija ma tbagħtix l-ispejjez ta’ dawna l-proceduri.

Rat id-dokumenti  li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-10 ta’ Marzu 2021;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat:

Illi il-Qorti rat għalhekk  illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mil-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mit-2 ta’ Gunju, 2016;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem  millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Takkorċja t-terminu għal-appell b’erbat ijiem.